MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 26

16 ta` Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa– Kunsillier
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 26.2 Korrispondenza

26.2.1 Cirkulari 50/2016 – Sejhiet ghall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-toroq. Is-Sur Boxall qal li huwa jissugerrixi li l-Kunsill ghandhu johrog is-sejha huwa stess u mhux ir-Regjun. Is-Sur Boxall zied jghid li dawk il-fanali li nqaghlu biex sar il-progett tal-Collachio ghandhom jintuzaw fit-toroq l-ohra tal-Birgu, jigifieri jinbidlu ma` dawk li hemm. Ghal din il-proposta, issekonda s-Sur Anton Gellel u kien hemm qbil unanimu.

26.2.2 Cirkulari 1/2017 Funzjoni dwar iz-Zamma fi Stat Tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq. Inqrat din ic-cirkulari ghal attenzjoni ta` dawk prezenti.

26.2.3 Cirkulari 2/2017 Tqeghid ta` CCTV Cameras f`latrini pubblici. Inqrat din ic-cirkulari ghal attenzjoni ta` dawk prezenti.

26.2.4 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li ntbaghtet ittra lis-Sur Noel Gauci minn naha tal-Lands Department dwar l-uzu ta` kamra f`Couvre Porte, fejn l-istess Kunsill gie nfurmat li din iz-zona mhux qed tigi mmarkata bhala kamra.

26.2.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mis-Sinjura Miriam Fiorini sabiex fi zmien il-Gimgha l-Kbira titella wirja ta` arti tal-artista C.S.Lawrence gewwa l-Berga tal-Ingliterra. Bhala apprezzament talli naccettaw din it-talba ser tigi offruta pittura li tirraprezenta l-bitha tal-Berga tal-Ingliterra.

26.2.6 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li intbaghtet ittra lill-ERA dwar il-problema ta` sigar 'Phytolaccia dioica' li hemm fi Triq il-Fortini kantuniera ma` Triq San Dwardu, il-Birgu, fejn il-Kunsill diga ghandhu zewg kawzi minhabba l-fatt li qed jaghqu l-frieghi ghall gharrieda fuq il-karozzi li jkunu pparkjati. F`din l-ittra l-Kunsill talab sabiex jinaghata l-permess biex dawn is-sigar jinqaghlu minn dan il-post. B`risposta ghal din it-talba, l-ERA ma laqatx it-talba tal-Kunsill.

26.2.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-skrivan/a fuq bazi part time nghalqet il-Gimgha 13 ta` Jannar 2017, u fejn l-Kunsill ircieva ghaxar applikazzjonijiet li huma elegibbli. Gie deciz li l-intervisti jsiru nhar it-Tnejn 23 ta` Jannar 2017 bil-prezenza tas-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier is-Sur Anton Gellel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

(17:35hr) Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard jidhol fil-laqgha issa.

26.2.8 Is-Sur Boxall qara diversi korrispondenza u artiklu fil-gazzetta dwar ghandhiex tinbena dar tal-anzjani fil-wied tal-Birgu. Is-Sindku qal li dan il-progett ta` dar tal-anzjani ilhu jberren u dan ghal fatt li fil-Birgu hawn hafna anzjani. Ftit taz-zmien ilhu kien gie propost li l-Armerija tigi wkoll dar tal-anzjani. Is-Sur Boxall qal li huwa personalment jaqbel li ssir dar tal-anzjani fil-Birgu. Kompla jghid li kif wiehed jista` jinnota parti mill-wied biss ser jintmiss u mhux il-wied kollhu. Il-parti fejn ser jitmiss, ir-residenti ma jistghux jidhlu ghax dik iz-zona peress li hija mikrija lill-certu nies u ma tintuza ghal xejn. Is-Sur Attard saqsa minn wera nteress li jibdni din id-dar jekk hux il-privat jew il-Gvern Centrali. Is-Sur Boxall infurmah li huwa l-privat li wera l-interess. Il-Kunsilliera kollha jaqblu li din id-dar tal-anzjani ghandha ssir fil-Birgu. Is-Sur Attard u s-Sur Gellel ma qablux li ghandha ssir fil-post imsemmi. Is-Sur Gellel propona li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni li ssir minflok l-iskola sekondarja Lorenzo Gafa. Wara diskussjoni, il-Kunsill idecieda li ghalissa ma jiehux decizjoni imma jaghti alternattiva ohra billi jiproponi l-ideja li dar tal-anzjani ssir minflok l-iskola Lorenzo Gafa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

26.2.9 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie avvicinat mir-Restoration Unit sabiex il-materjal li fadal relatat mall-progett tal-Collachio jzommu l-Kunsill. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill m`ghandhux spazju bizzejjed fil-garaxx u ghalhekk jipproponi li l-Kunsill ghandhu jkellem lis-Sur Paul Cilia biex joffrina biex izzomm l-materjal fil-mahzen tieghu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

26.2.10 Gie pprezentat ir-Rapport tal-Awditur fejn jikkoncerna l-Kunsill Lokali tal-Birgu u fejn is-Sur John Boxall qal li l-Kunsill flimkien mall-accountants qed jaghmlu minn kollox biex l-accounts tal-Kunsill jigu in order.

26.2.11 Applikazzjoni EFFE Label 2017-2018. Din il-korrispondenza ser tigi mghoddija lill-kunsilliera kollha sabiex jibghatu l-opinjonijiet taghhom. Ir-rizultati ser jithabbru f`Mejju u l-applikazzjonijiet jghalqu fi Frar. Is-Sur Boxall qal li wasalna f`punt li kullhadd qieghed jistidiena biex nkunu partners maghhom jew biex nikkolaboraw fi progetti, u jixtieq li reputazzjoni li bena l-Kunsill matul dawn is-snin mall-barranin, il-Kunsill ma jitlifhiex.

26.2.12 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti fejn il-Kunsill gie avvicinat mill-kumpanija li tiehu hsieb is-sistema tal-IT tal-Kunsill sabiex jibda jsir moniterrag fix-xahar tas-sistemi kollha tal-IT ghall prezz ta` 70Euros fix-xahar. Is-Sur Gellel propona li dan il-moniterrag ghandhu jsir mqar darba kull sitt xhur u mhux fix-xahar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

26.2.13 Dwar meeting li sar mal-periti tar-Restoration Unit u Direttur, is-Sur Boxall qal li gew diskussi l-problemi li l-Kunsill qed issib dwar il-Foss u l-progett tal-Collachio.

26.2.14 Giet prezentat ittra li l-Kunsill ircieva mill-Assoccjazzjoni AVEC dwar xi jrid jipprepara l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghall-konferenza generali li ser issir f`April li gej f`Malta. Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill l-unika spiza li ghandhu hija ikla wahda ghad-delegati. Dwar dan is-Sur Boxall talab lill-Vici Sindku sabiex jghin f`din l-organizazzjoni.

26.2.15 Gie deciz li l-ispiza tal-arbli li twahhlu ghall-attivita tal-Milied tigi mnaqqsa ghall 40Ewro minhabba l-fatt li l-Kunsill kellhu jibaght il-kuntrattur tal-knis sabiex innaddaf wara li sar twahhil tal-arbli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex ninfurmaw lill-Kumitat Festi Esterni.

26.2.16 Wara diskussjoni dwar jekk il-Kunsill ghandhux ihallas il-membership fee tal-progett European Walled Towns, is-Sur Boxall propona li l-fee ghandha tithallas u dan sabiex il-Kunsill jibqa` membru. Is-Sur Mizzi ssekonda u kien hemm qbil unanimu.

26.2.17 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mill-kumpanija 24seven media sabiex issir tnedija tal-ktieb ta` Gorg Agius maghruf ahjar bhala Gorg tal-Muzew gewwa sala tal-Kunsill. Din it-tnedija ser ssir nhar is-Sibt 25 ta` Frar 2017 fl-ghaxra ta` filghodu (10.00am) Ghal din it-tnedija ser tkun mistiedna l-President tar-Repubblika ta` Malta fost mistednin distinti ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

26.2.18 Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li qed jircievi hafna proposti sabiex huwa personalment izzewweg u kif ukoll sabiex tintuza sala tal-Kunsill. Is-Sur Boxall propona li kull min jixtieq juza s-sala tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza jew inkella sala tal-Berga tal-Ingliterra jaghti donazzjoni ta` 150 Ewro ghall-spejjez. Is-Sur Boxall zied jghid li b`dawk il-flus li ingabru ghandhom jintuzaw ghall-spejjez tas-sala stess. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sur Boxall zied jghid li xewqa tieghu hija li jsiru erbgha bandalori mal-hitan tal-genb u jsir id-dawl fuq l-armi tal-bandalori.

26.2.19 Horizon 2020- Cultural Heritage of European Coastal and Maritime Regions. Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill gie avvicinat li jkun partner f`dan il-progett. Il-persuna li baghtet din il-proposta, l-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-passat kien diga hadem mieghu fuq progett iehor. Ghalhekk f`dan l-istadju l-Kunsill ghandhu juri l-interess tieghu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

26.2.20 Mibughta ittra lill-Awtorita Maltija ghat-Turizmu fejn il-Kunsill informa lil din l-Awtorita li l-Kunsill qed jaghti b`xejn servizz ta` gbir tal-iskart lis-Sur Jonathan Bonello, sid il-hanut l-Arlogg fil-Birgu u dan sar wara li l-Kunsill gie mitlub jaghmel din id-dikjarazzjoni.

26.2.21 Giet moqrija ittra li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat lis-Sur Edward Zammit mill-MTA dwar il-kalendarju li diga gie ppublikat tal-parati tal-Inguardia matul is-sena 2017. Sfortuntament il-Hadd tal-Birgufest, l-Inguardia ser ssir il-Belt minflok il-Birgu, u ghalhekk dan ifisser li l-proponiment tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ma giex accettat. Il-Kunsill baqa` ma rcieva l-ebda risposta ghall-ittra tieghu.

26.2.22 Is-Sindku nforma lil dak prezenti li Fra John Edward Critien ha titlu ta` Kancillier tal-Ordni u fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ferrahlu ghal din il-kariga l-gdida.

26.2.23 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mistieden biex jattendi ghall-konferenza bl-isem Heritage for Planet Earth gewwa Firenze f`Marzu li gej.

26.2.24 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mill-belt ta` Vigonovo fl-Italja biex flimkien issir progett maghhom. Il-Kunsill decieda li juri l-nteress tieghu biex ikun msieheb maghhom.

26.2.25 Mibughta ittra mis-Sur Lorenzo A. Zahra f`isem il-Historical and Cultural Society Vittoriosa dwar ix-xewqa tal-organizazzjoni biex issir monument fil-Birgu ta` Gilormu Cassar, wild il-belt Vittoriosa.

26.2.26 Mibughta ittra lill-Onorevoli Buontempo fuq il-progett tal-bandli fejn il-Kunsill informa lis-Segretarju Parlamentari li l-Kunsill jixtieq jaghmel il-progett tal-bandli imma li sfortunatament m`ghandhux rizorsi bizzejjed biex jaghmel dan il-progett. L-Onorevoli Buontempo wiegeb ghall-ittra tal-Kunsill fejn gejna nfurmati li l-Kunsilli jisghtu jibbenifikaw mill-fondi tal-progetti kapitali bhal ma ghamlu Kunsilli ohra.

26.2.27 Proposta ta` gemmellagg mal-belt ta` Vignanello fl-Italja. Il-Kunsill ircieva korrispondenza mis-Sindku tal-Belt ta` Vignanello fejn spjega kif il-belt ta` Vignanello ghandha certu konessjonijiet mal-belt tal-Birgu. Is-Sindku ta` din il-belt Taljana stieden ukoll delegazzjoni mill-Kunsill f`wiehed mill-progetti li ghandha din il-belt.

26.2.28 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal sena ohra rega` gie avvicinat mis-Sinjorina Mariella Galea sabiex titella` l-attivita tal-Maths Venture. Din l-attivita ser titella fil-25 ta` April 2017.

26.2.29 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mitlub sabiex igedded il-Group Health Insurance Policy ghall-impjegati u membri tal-Kunsill liema polza tkopri mill-1 ta` Jannar 2017 sal-31 ta` Dicembru 2017. Il-Kunsill idecieda u qabel li l-Kunsilliera, l-impjegati kollha tal-Kunsill inkluz tal-IPSL, CIES u li jaghqu taht il-*Community Workers Scheme* jigu nxurjati.

26.2.30 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li ntbaghtet ir-risposta ghall-ittra li Dipartiment bghat sabiex il-Kunsill jispjega ghala l-allokazzjoni mhux qed tkun bizzejjed ghal htigijiet tal-lokalita.

26.2.31 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ittra mill-ALDA sabiex il-Kunsill juri l-interess tieghu sabiex jkun partner fi progett tal-Europe for Citizens. Il-Kunsill qabel li ghandna nuru l-interess.

26.2.32 Gew prezentati tlett kwotazzjonijiet ta` dawl li ser jitwahhal fis-sala tal-Berga ta `Franza minhabba l-pittura li ser titwahhal, fejn il-Kunsill idecieda li jmur ghall-irhas offerta wara li dawn il-kwotazzjonijiet gew ikunsultati.

26.2.33 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li hemm lanca li ilha zmien sorguta it-Toqba (Sally Porte) u li minkejja diversi avvizi li twahhlu minn naha tal-Pulizija, din il-lanca baqghet hemm. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill ghandhu jiccekja dwar il-ligi li saret sabiex din il-lanca tkun tista` ssir propjeta tal-Kunsill.

26.2.34 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti b`ittra li bghat lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex issir laqgha mieghu minhabba l-performance bonus ta` zewg impjegati li kienu jadhmu mall-Kunsill. Dan sabiex jinghata parir kif ser jinhadem il-performance bonus taghhom.

## 26.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin ghaxra ta` filghaxija (7:50pm)u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 27 ghat-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm)

Konfermati, illum 31 ta`Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |